(i)
(ii) MALTA
(iii)

# (iv) QORTI TAL-MAGISTRATI
# (v) (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

(vi)
(vii)

**(viii) MAGISTRAT DR.**
**(ix) JOSETTE DEMICOLI**

(x)
(xi)
(xii)

(xiii) Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

(xiv)
(xv)

(xvi) Citazzjoni Numru. 52/2009
(xvii)
(xviii)
(xix)

**(xx) Emanuel, Guzepp, Joan armla ta' Salvu Buttigieg, Rita mart Giuseppe Said u Salvina mart Paul Attard ilkoll ahwa, ulied il-mejjet Frencu Bonello**
**(xxi) Joan mart Joseph Cassar, Maria armla ta' Salvu Buttigieg, Pauline mart Michael Mercieca ulied il-mejta Grazia armla ta' Pupul Said nee' Bonello; Pauline mart Michael Mercieca bint Maria Buttigieg nee' Said**
**(xxii) Gesualda armla ta' Emanuel Buttigieg u Karmena armla ta' Joseph Buttigieg ulied il-mejjet Saviour Bonello u l-ewwel mara tieghu l-mejta Maria nee' Muscat**

**Vs**

**(i) Giuseppa xebba Bonello**

**(ii) Dr Kevin Mompalao li b'digriet tat-8 ta' Jannar 2010 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-wirt battal ta' Anthony Saliba, armel ta' Maria Antonia nee' Bonello**
**(iii) Carmela armla ta' Saviour Bonello, Giusepp Bonello u Margherita mart Domenico Savio Muscat ulied il-mejjet Saviour Bonello u t-tieni mara tieghu Carmela nee' Stellini**

Il-Qorti,

Rat illi fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew illi:

Guzeppi Bonello izzewweg lil Karmena nee' Muscat u miet fis-6 ta' Novembru 1944 (dok A-1) filwaqt illi Karmena nee' Muscat mietet fit-22 ta' Jannar, 1974 (dok A-2) u rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testament (dok A3). Il-konjugi Bonello kellhom sitt itfal u cioe' Rozarja, Frencu, Guzeppa, Maria Antonia, Grazzja u Saviour.

Illi Maria Antonia mietet fit-18 ta' Gunju, 1973 (Dok B-1) improle u intestata (Dok B2 u B3) u sopraviviha zewgha (Dok B4) Anthony Saliba li miet intestat (Dok B6 u B7) fil-31 ta' Mejju 1980 (dok B5). Maria Antonia ghalhekk wirtu tliet kwarti minn sehemha hutha l-ohrajn cjoe' Rosaria, Frencu, Giuseppe, Grazia u Saviour filwaqt li zewgha wiret ir-rimanenti kwart. Mhux maghruf min huma l-werrieta tal-armel.

Premess illi Grazzja, mietet testata fis-16 ta' Settembru 1989 (dok C1). Hija kienet mizzewga lil Pupul Said u kellhom zewgt itfal cioe' Joan mart Joseph Cassar, Marija armla ta' Salvu Buttigieg. Hija mietet testata b'testment tan-Nutar Michael Refalo li permezz tieghu halliet werrieta liz-zewgt uliedha msemmija u lil Pauline mart Michael Mercieca, bint bintha Maria Buttigieg imsemmija skont kif jirrizulta wkoll mid-denunzja taghha (dok C2).

Illi Rosaria, mietet (dok D1) xebba u ntestata (dok D2) fit-2 ta' Awwissu, 1995 u d-dikjarazzjoni causa mortis taghha saret fil-05 ta' Frar 2001 (dok D3).

Illi Saviour, miet fid-29 ta’ Gunju 1999 (Dok E1), testat (dok E2) permezz ta’ testament *Unica Charta* tas-17 ta’ Frar, 1995, atti Nutar Michael Refalo (Dok E4) li permezz tieghu halla uzufruttarja lit-tieni mara tieghu Carmela nee’ Stellini u halla legat lil bintu Margaret Muscat. Saviour halla tlett itfal mill-ewwel mara tieghu u cioe’ Karmena armla ta’ Joseph Buttigieg, Geswalda armla ta’ Emanuel Buttigieg u Guzepp Bonello, guvni, li miet qabel missieru cjoe’ fis-16. ta’ Ottubru 1965 (Dok F) intestat. Mit-tieni mara Saviour kellu zewgt itfal, Guzeppi u Margaret mart Domenico Savio Muscat. Saru zewg dikjarazzjonijiet kawza mortis tal-assi tieghu (dok E3 u E4).

Illi Frencu miet (dok F1) testat (dok F2 u F3) fil-11 ta’ Settembru 2000 permezz ta’ testament fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-7 ta’ Dicembru 1991 (dok F4). Huwa kien mizzewweg lil Koncetta nee’ Said u kellu hamest itfal u cioe’ Leli, Guzepp, Joan armla ta’ Salvu Buttigieg, Rita mart Guzeppe Said u Salvina mart Paul Attard. Il-proprjeta’ li halla giet debitament iddikjara (recte: iddikjarata) f’dikjarazzjoni causa mortis (Dok F5).

Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta’ indivizjoni ghar-rigward tal-assi ereditarju tal-imsemmija Guzeppi u Karmena konjugi Muscat.

Illi l-atturi Gesualda Buttigieg u ohtha Karmena Buttigieg iddecidew li ma jaccettawx ‘il fuq imsemmi wirt ta’ missierhom Saviour Bonello u jiehdu minflok il-legittima spettanti lilhom skont il-ligi u ghalhekk ipprezentaw nota ta’ rinunzja tal-istess wirt u zammew ferm il-pretenzjonijiet legittimarji taghhom.

Ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu lil din il-qorti sabiex:-

1. Tillikwida u tiffirma l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-axxendenti tal-atturi l-konjugi Guzeppi Bonello u Karmena nee’ Muscat fuq imsemmija billi l-istess akkwisti jigu ddikjarati mill-Qorti li jikkonsistu f’dawk l-assi li jirrizultaw waqt il-kawza u tigi konsegwentement maqsuma f’zewg porzjonijiet indaqs, u porzjon minnhom

jigi assenjat lill-assi partikolari ta’ Guzeppi Bonello, u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi ta’ Karmena Bonello;

2. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta’ Guzeppi Bonello billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza; taqsmu f’hames porzjonijiet ugwali u tassenjahom parti minn hamsa (1/5) kull wiehed lill-wirt ta’ Frencu Bonello, lil Giuseppa Bonello xebba, il-wirt ta’ Maria Saliba u zewgha Anthony Saliba, lill-wirt ta’ Grazia Said; u lill-wirt ta’ Saviour Bonello.

3. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta’ Karmena Bonello, billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza taqsmu f’hames porzjonijiet ugwali u tassenjahom parti minn hamsa (1/5) kull wiehed lill-wirt ta’ Frencu Bonello, lil Giuseppa Bonello xebba, il-wirt ta’ Maria Saliba u zewgha Anthony Saliba, lill-wirt ta’ Grazia Said; u lill-wirt ta’ Saviour Bonello.

4. Tillikwida u tiffirma l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn Saviour Bonello u l-ewwel mara tieghu Maria nee’ Muscat billi l-istess akkwisti jigu ddikjarati mill-Qorti li jikkonsistu f’dawk l-assi li jirrizultaw waqt il-kawza u tigi konsegwentement maqsuma f’zewg porzjonijiet indaqs, u porzjon minnhom jigi assenjat lill-assi partikolari ta’ Salvatore Bonello, u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi ta’ Maria Bonello.

5. Tillikwida u tiffirma l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn Saviour Bonello u t-tieni mara tieghu Carmela nee’ Stellini billi l-istess akkwisti jigu ddikjarati mill-Qorti li jikkonsistu f’dawk l-assi li jirrizultaw waqt il-kawza u tigi konsegwentement maqsuma f’zewg porzjonijiet indaqs, u porzjon minnhom jigi assenjat lill-assi partikolari ta’ Salvatore Bonello, u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lil Carmela Bonello.

6. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta' Salvatore Bonello billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Tillikwida l-legittima dovuta lill-atturi Gesualda Buttigieg u Karmena Buttigieg mill-assi ereditarju ta' missierhom Salvatore Bonello.

8. Tikkundanna lill-konvenuti Guzeppi Bonello u Margaret Muscat biex jassenjaw lill-atturi l-legittima hekk likwidata favur taghhom u jidhru fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-fuq imsemmija legittima.

9. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jidher fuq il-kuntratt ta' qasma u assenjazzjoni tal-legittima u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez tal-gudizzju u l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuti Guzeppa Bonello, Carmela Bonello, Guzepp Bonello u Margherita Muscat eccepew is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti ma jopponux ruhhom ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet talbiet purche' li tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi li kellhom il-mejtin Guzeppi Bonello u martu Karmena nee' Muscat, u li jigu verifikati l-kwoti tal-kondividendi;

2. Illi l-esponenti lanqas m'huma jopponu ruhhom ghar-raba', il-hames u sitt talbiet purche' li tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi li kellu Saviour Bonello kemm mal-ewwel mara tieghu, Maria Bonello (nee' Muscat), kif ukoll mal-esponenti Carmela Bonello (nee' Stellini), li tigi t-tieni mara tieghu, b'dan illi l-assi kollha tieghu ghandhom jibqghu u jigu valutati kif soggetti ghad-dritt tal-uzufrutt favur l-esponenti Carmela Bonello kif ordna l-mejjet fit-testment tieghu tas-17 ta' Frar 1995, li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo;

3. Illi l-esponenti lanqas m’huma jopponu ruhhom ghas-seba’ u t-tmien talbiet kemm-il darba jirrizulta li din it-talba taghhom mhijiex kolpita bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 869 u 870 tal-Kodici Civili, Kap 16, u purche’ li fil-likwidazzjoni tal-legittima mitluba mill-atturi Gesualda Buttigieg u Karmena Buttigieg ma jidholx is-sehem li missierha Saviour Bonello kellu mill-fond imholli b’legat lill-esponenti Margherita Muscat bin-numru 179, triq San Blas, Nadur; dan billi l-legat huwa wiehed rimuneratorju u gie mholli lill-esponenti Margerita Muscat bhala hlas tas-servigi, kuri, u assistenzi li rrendiet lil missierha tul medda twila ta’ snin sa ma miet, u li kien it-testatur innifsu fit-testment tieghu fuq imsemmi tas-17 ta’ Frar 1995, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, li rrikonoxxa dan u ddikjara li b’dan il-legat ma kienx qed ihallas lil din bintu adegwatament, u li bhala legat ghandu jibqa’ shih u ntegru;

4. Illi l-esponenti lanqas m’huma jopponu ruhhom ghad-disa’ u l-ahhar talba kemm-il darba jirrizulta li l-assi in divizjoni huma kommodament divizibbli. Dwar l-assenjazzjoni mitluba mill-atturi Gesualda Buttigieg u Karmena Buttigieg tal-legittima m’hemmx il-htiega li din issir b’att pubbliku, izda huwa bizzejjed li l-assenjazzjoni tigi ordnata mill-Qorti;

5. Illi l-konvenuta Margherita Muscat tigi immessa fil-pussess tal-legat rimuneratorju tal-fond bin-numru 179, Triq San Blas, Nadur, li hallielha missierha Salvu Bonello fit-testment tieghu tas-17 ta’ Frar 1995, li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, u ghal dan il-fini taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet li huma mehtiega biex din l-immissjoni ssir fl-istess att li qed jintalab li jsir mill-atturi permezz tad-disgha talba taghhom.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li l-avukat Dr Kevin Mompalao kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil wirt battal ta’ Anthony Saliba eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok trid issir id-debita korrezzjoni billi l-premessi tar-rikors guramentat jigu nnumerati skond il-ligi.

2. Illi fl-ewwel lok, qed jigi kkonfermat illi l-ereditajiet illi qed tintalab li jigu divizi gew debitament iddenunzjati mal-kummissarju tat-taxxi nterni u thallset kull taxxa dovuta fuqhom.

3. Illi t-tieni premessa hija zbaljata stante illi ai termini ta' l-artikolu 826 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ezistenti fid-data ta' l-apertura tas-successjoni fejn persuna mizzewga tmut intestata u improli, u fejn dik ikollha qraba laterali cioe' ahwa jew uliedhom, il-wirt jinqasam nofs lill-parti l-ohra fiz-zwieg li tkun ghadha hajja u nofs lil dawk l-ahwa jew dixxendenti taghhom.

4. Illi jidher kif inhuma formulati, it-talbiet attrici, dawn jistghu jkunu mpossibbli stante illi huwa ferm probabbli li bejn il-kondividendi kollha, il-wirt m'huwiex kommodament divizibbli. Bhala *actio familia erciscunde*, din it-talba qeghdha ssir prezenzjalment mill-esponenti.

5. Illi salv il-premess, l-esponenti jiddikjara illi ma huwiex edott mill-bqija tal-fatti in kawza u ghalhekk filwaqt li jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba skond il-ligi, jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li jikseb aktar informazzjoni illi tkun tista' tghinu jistabilixxi kuntratt ma' min huma l-persuni li jirraprezentaw verament l-eredita' illi taghha huwa gie nominat kuratur f'din il-kawza.

6. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-avukat Dr Kevin Mompalao li ghandu konnoxxenza vera u proprja tal-fatti esposti f'din ir-risposta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota guramentata ta' l-atturi prezentata fit-22 ta' Jannar 2010.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Frar 2010, il-konvenuti Margaret Muscat u Joseph Bonello u f'isem ommhom Carmela

Bonello u z-zija taghhom Guzeppa Bonello iddikjaraw li jaqblu li r-raba' li hija provvenjenti mill-wirt ta' Giuseppi u Carmela konjugi Bonello hija dik li tissemma' fin-nota ta' Jannar 2010.

Rat in-nota tal-atturi tat-18 ta' Frar 2010 li permezz taghha Geswalda Buttigieg u Karmena Buttigieg ipprezentaw in-nota ta' rinunzja ghall-wirt ta' missierhom Saviour sive Salvatore Bonello liema nota giet prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fl-24 ta' Gunju 2009.

Rat in-nota tal-atturi tat-18 ta' Frar 2010 li permezz taghha rrinunzjaw ghar-raba' talba inkwantu qeghdha tintalab il-likwidazzjoni u firmazzjoni tal-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn Saviour Bonello u l-ewwel mara tieghu Maria nee' Muscat inkwantu rrizulta li din kienet diga' giet likwidata.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2010 Dr Anton Refalo b'referenza ghan-nota tal-konvenuti tas-26 ta' Frar 2010 a fol 150 tal-process iddikjara li l-atturi qeghdin jirrinunzjaw ghal kwalsiasi pretensjoni ta' hlas dwar xoghlijiet ta' hlas li setghu saru matul iz-zwieg bejn Saviour u Carmela konjugi Bonello.

F'din l-istess seduta Dr Mario Scerri ghall-konvenuti Bonello iddikjara li hemm qbil dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji ma' dak dikjarat mill-atturi pero' isostnu li l-atturi m'ghandhomx jedd jitolbu l-legittima min-naha tal-wirt ta' Salvatore Bonello peress li l-atturi accettaw il-wirt tieghu u f'dan ir-rigward irrefera ghal Giswalda Buttigieg u Karmena Buttigieg, dan peress illi wara s-sentenza li nghatat fil-21 ta' Mejju 1970, fol 120, dahal fis-sehh it-tieni pjan ta' qasma u l-konvenuti Bonello jsostnu li r-raba' li messet lil Salvatore Bonello kienet u baqghet fil-pussess ta' uliedu.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2010 id-difensuri tal-partijiet talbu l-hatra ta' perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-proprjeta' li tissemma' fin-nota li pprezentaw l-atturi fit-

22 ta’ Jannar 2010, b’dan li qablu li l-proprjeta’ m’hijiex kommodament divizibbli bejn il-partijiet.

Rat in-nota tat-22 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha l-konvenuti Margaret Muscat, Joseph Bonello, Carmela Bonello, u Giuseppa xebba Bonello iddikjaraw li kienu qeghdin jaqblu kemm mal-konsistenza tal-assi ndikati fin-nota tal-atturi tat-22 ta’ Jannar 2010 kif ukoll mal-kwoti hemm iddikjarati.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba.

Rat li fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2010 Dr Anton Refalo iddikjara li l-atturi jaqblu mar-rapport tal-Perit Alan Saliba. Dr Scerri iddikjara li l-konvenuti riedu jaghmlu eskussjoni lill-perit tekniku inkwantu m’humiex qed jaqblu ma’ l-istejjem ta’ certi proprjeta’.

Rat il-verbali tas-seduti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u qsim tal-wirt ta’ Guzeppi Bonello u Karmena Bonello. Qeghdha tintalab ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Saviour Bonello u t-tieni mara tieghu li hija l-konvenuta Carmela Bonello (nee’ Stellini). L-atturi Gesualda u Karmena Buttigieg qeghdin min-naha taghhom jitolbu l-legittima mill-wirt ta’ missierhom Saviour Bonello li kien wiehed mill-ulied ta’ Guzepp u Karmena Bonello.

Illi l-konvenuti Guzeppa Bonello, Margerita Muscat, Joseph Bonello u Carmela Bonello m’opponewx ghal-likwidazzjoni u qsim tal-wirt tal-konjugi Guzepp u Karmena

Bonello. M’opponewx lanqas ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Saviour Bonello u l-konvenuta Carmela Bonello salv id-dritt tal-uzufrutt favur l-istess konvenuta. Ma saritx opposizzjoni lanqas ghat-talba ghal-legittima kemm-il darba din it-talba mhix milquta mill-art. 689 u 670 tal-Kap 16 u li fil-likwidazzjoni tal-legittima ma jigix inkluz sehem Saviour Bonello mill-fond 179, Triq San Blas, Nadur li thalla lill-konvenuta Margaret Muscat bhala legat remuneratorju.

Illi l-Avukat Kevin Mompalao nomine ressaq diversi eccezzjonijiet fosthom f’wahda minnhom talab li l-Qorti tghaddi ghal-licitazzjoni tal-beni konsiderando li din hija *actio familia erciscunde* u li ebda talba f’dan is-sens ma saret.

Illi biex jitpogga kollox fil-perspettiva jehtieg li jinghad li Guzepp u Karmena Bonello kienu n-nanniet ta’ l-atturi kollha hlief ta’ Pauline Mercieca li taghha huma jigu l-buznanniet. Infatti :

- Il-konjugi Giuzeppi u Karmena Bonello (nee’ Muscat) kellhom sitt itfal – Rozarja, Frencu, Guzeppa, Maria Antonia, Grazzja u Saviour.

- Minn dawn l-ahwa l-unika wahda li ghadha hajja hija l-konvenuta Guzeppa Bonello.

- Maria Antonia mart Anthony Saliba mietet improle u ntestata fit-18 ta’ Gunju 1973 u halliet jissopraviviha lil zewgha. Anthony Saliba miet intestat fil-31 ta’ Mejju 1980. B’hekk meta Maria Antonia mietet hutha wirtu nofs indiviz u zewgha wiret nofs indiviz l-iehor. Il-werrieta tal-armel mhux maghrufa.

- Grazzja mietet testata fis-16 ta’ Settembru 1989 u wirtuha wliedha Joan Cassar, Marija Buttigieg u n-neputija Pauline Buttigieg.

- Rosaria mietet xebba u ntestata fit-2 ta’ Awwissu 1995 u wirtuha ghalhekk hutha.

- Saviour miet fid-29 ta' Gunju 1999. Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment *unica charta* tas-17 ta' Frar 1995 li permezz tieghu halla uzufruttwarja lit-tieni mara tieghu l-konvenuta Carmela Bonello nee' Stellini u halla legat lil bintu Margaret Muscat.

- Saviour kellu tlett itfal mill-ewwel mara tieghu u cioe' l-atturi Karmena Buttigieg u Geswalda Buttigieg kif ukoll Guzepp Bonello li miet qabel missieru fis-16 ta' Ottubru 1965 intestat. Mit-tieni zwieg kellu zewgt itfal, il-konvenut Joseph Bonello u Margaret Muscat.

- Frencu miet testat fil-11 ta' Settembru 2000. Huwa kellu hamest itfal li huma kollha atturi f'din il-kawza ossija Emanuel, Guzepp, Joan, Rita u Salvina.

- L-atturi Karmena u Geswalda fl-24 ta' Gunju 2009 ipprezentaw nota fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja li permezz taghha rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom Saviour Bonello.

**<u>Assi ta' Guzeppi u Karmena Bonello</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li hemm qbil bejn l-atturi u l-konvenuti Margaret Muscat, Joseph Bonello, Carmela Bonello, u Giuseppa xebba Bonello li l-assi ereditarji ta' Guzeppi u Karmena Bonello gew identifikati s-segwenti beni u li tali assi mhumiex komodament divizibbli. Il-Perit Tekniku Alan Saliba stmahom hekk:

(i) Il-fond numru 179 gja 134, Triq San Blas, Nadur - **€228,000**

**(ii)** Zewg bicciet raba' disgunti formanti parti mit-territorju 'Ix-Xaghra l-Hamra', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, wahda tal-kejl ta' cirka 197.2m.k. u tmiss tramuntana mal-eredi ta' Lawrence Said, lvant ma' Carmela Buttigieg u nofsinhar ma' Carmelo Portelli; u l-ohra ta' xi 291.1m.k. u tmiss lvant ma' Mikieli Buttigieg, tramuntana ma' Pawlu Cassar u punent ma' Tereza mart Mikieli Camilleri - **€70,000 u €105,000**

(iii) Bicctejn raba’ kongunti maghrufa ‘Ta’ Gazaman’ sive ‘ta’ fil-limiti tan-Nadur Ghawdex tal-kejl ta’ circa 442m.k. u konfinanti mit-tramuntana u minn nofsinhar ma’ Frankie Camilleri, lvant ma’ Joseph Mizzi u punent ma’ Joseph Debrincat - **€5,800**

(iv) Bicca raba’ ‘tal-Lacca’ fil-kuntrada tal-Lacca fil-limiti Nadur Ghawdex tal-kejl ta’ cirka 292.5m.k. u tmiss tramuntana ma’ beni ta’ Angela Vella, lvant u punent mal-beni ta’ Frankie Camilleri - **€9,300**

(v) Bicctejn raba’ kongunti maghrufa bhala ‘tax-Xaghri’ fil-kuntrada tax-Xaghri fil-limiti tan-Nadur Ghawdex bil-kejl ta’ circa 519.8m.k. li minnhom 27m.k. huwa passagg u l-intier konfinanti mit-tramuntana, nofsinhar u lvant mal-beni ta’ Frankie Camilleri - **€7,000**

(vi) Bicca raba’ ‘tal-Gebel l-Ahmar’ sive ‘ta’ fejn it-Tomba tal-Barbier’ fil-kuntrada tal-gebel l-ahmar f’Ghajnsielem, Ghawdex u l-intier tal-kejl ta’ circa 302.7m.k. u tmiss lbic ma’ Joseph Camilleri, tramuntana ma’ Joseph Muscat u lvant ma’ passagg fir-raba’ - **€3,500**

(vii) Bicca raba’ tar-Ramla fil-kuntrada tal-istess fil-limiti tan-Nadur Ghawdex l-intier kejl ta’ cirka 537.2m.k. u tmiss punent ma’ John Azzopardi, lvant ma’ Angelo Camilleri u nofsinhar ma’ Francis Camilleri - **€7,000**

(viii) Bicca raba’ tad-Duru fil-kuntrada tal-istess tal-kejl ta’ cirkca 562m.k. u tmiss punent ma’ Mikieli Buttigieg, lvant ma’ Joseph Said u tramuntana ma’ Angelo Attard - **€4,600**

Illi kif diga’ gie rilevat m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dawn l-assi in divizjoni mhumiex kommodament divizibbli u ghaldaqstant ghandhom jinbieghu in licitazzjoni. Effettivament ma saritx talba *ad hoc* mill-atturi f’dan is-sens izda hekk gie kif gie ritenut fis-sentenza

**Angelo Mifsud vs Anna Mifsud**[1] *'il-licitazzjoni ma hix hlief modus divisionis, u l-azzjoni tad-divizjoni tikkomprendi virtwalment id-domanda ghall-bejgh b'licitazzjoni; u ghalhekk, biex tigi adottata l-licitazzjoni, mhux ta' ostakolu n-nuqqas ta' talba specjali fl-att tac-citazzjoni meta l-azzjoni hija diretta ghad-divizjoni'.*

Illi l-konvenuti Guzeppa Bonello, Margerita Muscat, Joseph Bonello u Carmela Bonello iddikjaraw li huma ma qablux ma' certu stimi li ghamel il-Perit Tekniku. Fil-fatt ghamlu diversi domandi in eskussjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti kkritikaw l-istimi tal-Perit Tekniku u argumentaw li nghataw valuri astronomici xejn reali u bazati fuq assunzjonijiet. Illi dwar stima ta' proprjeta' inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Giorgia Mercieca vs Carmela Sciberras et**[2]**:**

*'Fir-rigward tal-istima li ghamlu l-periti, hu fatt li:-*

*i. Meta ssir stima tad-disposal value ta' immobbli, irid jigi kunsidrat il-lok fejn tinsab il-proprjeta', id-daqs, jekk hijiex libera u franka, jekk tistax tigi zviluppata, u fl-affermattiv x'tip ta' zvilupp jista' jsir. Bla dubju dan l-ahhar fattur qieghed jirregola l-prezzijiet tas-suq tal-proprjeta' li tista' tigi zviluppata.*

*ii. Min-natura taghha stima ta' perit dwar il-valur tal-proprjeta' hi soggettiva, u finalment hafna jiddependi fuq id-domanda ghax-xiri ta' dik il-proprjeta' u mill-permess ta' zvilupp li jinghata mill-Awtorita' kompetenti'*

Illi kif inghad fis-sentenza **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited**[3] u s-sentenzi hemm citati li l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u

[1] Appell deciza fil-11 ta' Mejju, 1950, Vol XXXIV.I.307
[2] Cit Nru: 84/2006AE deciza fit-12 ta' April 2011
[3] Prim'Awla per Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru, 2006

kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova.[4]

Inoltre’ fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et***[5] fejn gie affermat li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *‘b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistaghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta’ lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli’.*

Illi ghalkemm il-konvenuti msemmija jikkontestaw l-istima tal-Perit tekniku ma ressqux xi provi ahjar li jistghu jikkonvincu lill-qorti biex tiskarta din il-fehma. Ghalhekk f’dawn ic-cirkustanzi l-qorti ser tistrieh fuq l-opinjoni tal-perit tekniku mehud in konsiderazzjoni n-natura teknika tal-kwistjoni.

Illi konsegwentement ir-rikavat mill-prezz tal-bejgh imbaghad ghandu jigi spartit fil-kwoti segwenti:

L-eredi ta’ Grazzja Said (nee’ Bonello)
0.2292[6]
L-eredi ta’ Saviour Bonello
0.2292
L-eredi ta’ Frencu Bonello
0.2292
Il-konvenuta Guzeppa Bonello
0.2292

---

[4] **John Saliba -vs- Joseph Farrugia**, Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001

[5] Appell Civili deciz fit-23 ta’ Gunju 1967, Vol LI.I.390
[6] Rapprezentanti 1/6 mill-wirt tal-genituri + 1/60 (1/12 bejn hamest ahwa) mill-wirt ta’ Maria Antonia Saliba + 11/240 (11/60 bejn erbat ahwa) mill-wirt ta’ Rosaria li jammontaw ghal 55/240 ossija 0.2292

Wirt Battal ta' Anthony Saliba
0.0833[7]

**Legittima**

Illi kif diga' gie rilevat l-atturi f'din il-kawza Geswalda u Karmena Buttigieg qeghdin jitolbu l-legittima mill-wirt ta' missierhom Saviour Bonello.

Illi l-konvenuti m'opponewx kemm-il darba t-talba mhux milquta mill-artikolu 689 u 670 tal-Kodici Civili.

***670.*** *Fit-testmenti pubblici ma jistghux jaghmlu ta' xhieda, il-werrieta, il-legatarji, jew dawk li jigu minnhom mid-demm jew bi zwieg sal-grad ta' ziju jew ta' neputi, inkluzivament*

***689.*** *Disposizzjoni ta' testment maghmula favur l-eqreb qraba ta' persuna, minghajr ebda tifsir iehor, titqies maghmula favur dawk li huma mil-ligi msejha ghas-successjoni ab intestato ta' dik il-persuna.*

Illi dawn l-artikolu ma jirrizultawx li gew mittiefsa b'xi mod.

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2010 il-konvenuti baqghu jsostnu li kien hemm accettazzjoni ta' l-eredita' minn Geswalda u Karmena Buttigieg peress li allegatament okkupaw ir-raba' assenjat lil missierhom. Fl-ewwel lok ma kien hemm ebda eccezzjoni min-naha tal-konvenuti f'dan is-sens u kif inhu maghruf mhux permissibbli li jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri hlief jekk mhux bil-permess tal-qorti. Izda fi kwalunkwe kaz jinghad li tali allegazzjoni ma gietx sorretta mill-provi. Infatti fuq domandi li sarulha Geswalda Buttigigieg[8] f'dan is-sens hija xehdet li hlief ghal raba' minnhom lanqas biss taf fejn hi r-raba' l-ohra, u dik li taf fejn hija 'tal-Qortin' qeghdha f'idejn certu Camilleri. Tant huwa hekk li anki fin-nota ta' sottomissjonijiet tali argument lanqas ma rega' ssemma. Dak li l-Qorti ghandha quddiema huwa li Geswalda u Karmena

[7] Rapprezentanti nofs il-wirt ta' Maria Antonia Saliba cioe' nofs 1/6
[8] Fis-seduta tad-29 ta' April 2010

ottemperaw ruhhom mad-dispost tal-ligi u prezentaw id-debita nota ta' rinunzja.

Illi punt iehor sollevat mill-konvenuti Margaret Muscat u Joseph Bonello fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom huwa li ladarba l-assi ereditarji ta' Saviour Bonello jikkonsisti biss f'sehem indiviz minn assi ohra li ghadhom ma gewx likwidati, it-talba ta' huthom biex tigi likwidata u assenjata l-legittima ma tistax tigi kunsidrata qabel ma ssir il-likwidazzjoni u qasma ta' dawk l-assi l-ohra biex jigi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-ohra jmiss lill-assi li fuqhom qed tintalab li tigi likwidata l-legittima. Ghalhekk huma qed isostnu li l-ewwel trid issir il-likwidazzjoni u l-qasma tal-eredita' ta' Giuzeppi u Karmena Bonello qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tillikwida l-legittima li qed jitolbu l-atturi mill-wirt ta' missierhom. Ghalhekk sostnew li l-ewwel iridu jigi licitati l-assi ereditarji fuq imsemmija, u mir-rikavat nett tas-sehem spettanti lill-eredita' ta' Saviour Bonello tigi mbaghad likwidata l-legittima li jridu jiehdu l-atturi Geswalda u Karmena li hija ta' wahda minn tnax il-partijiet (1/12) ta' dan is-sehem nett.

Illi dwar dan jinghad li l-konvenuta Margaret Muscat permezz ta' rikors datat 9 ta' Dicembru 2010 talbet li l-ewwel tinghata sentenza parzjali dwar il-qsim tal-wirt ta' Giuzepp u Carmela Bonello u tigi ezegwita, sabiex jigi msarraf fi flus x'jidhol fil-wirt ta' Saviour Bonello mill-wirt tal-genituri tieghu. Wara riedet li l-qorti taghti sentenza fuq il-legittima. Dan huwa proprju l-mertu tas-sottomissjoni li regghet giet avvanzata fin-nota ta' sottomissjonijiet. Issa l-Qorti, diversament presjeduta, permezz tad-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2011 ikkonkludiet wara li ppremettiet li fil-kaz odjern il-legittima hi regolata mil-ligi kif kienet qabel ma gew introdotti l-emendi tal-Att XVIII tal-2004, li *'ma tara l-ebda raguni jew htiega li tipprocedi bil-mod li trid il-konvenuta Muscat. M'hemmx dubju li kif kienet il-ligi qabel l-emendi tal-2004 il-qorti tista' tiddeciedi t-talbiet kollha fl-istess sentenza minghajr il-htiega li jsir dak li qeghda tipproponi Margaret Muscat.'*

Illi din il-Qorti kif presjeduta tirrileva li m'hemm ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddiskosta ruhha minn tali digriet.

Illi l-konvenuti Margaret Muscat u Joseph Bonello ipprezentaw rikors iehor fuq l-istess binarju fit-28 ta' Awwissu 2012 liema rikors ukoll gie michud.

Illi l-konvenuti Margaret Muscat u Joseph Bonello ma opponewx ghal-likwidazzjoni tal-legittima purche' l-**legat rimuneratorju** mholli a favur Margaret Muscat ma jidholx ai fini ta' kalkolazzjoni ta' l-istess legittima. Huma jsostnu li dan il-legat thalla biex jikkompensa lil bintu tas-servigi, kuri u assistenzi li rrendiet lilu u lil martu sa minn meta harget mill-iskola, u bl-obbligu li tibqa' tippresta dawn is-servizzi sa mewthom, liema servizzi ghadhom qeghdin jigu prestati sallum billi l-armla ta' Saviour Bonello ghadha hajja u llum tiddependi kwazi ghal kollox fuq bintha. Huma rritenew li Saviour Bonello miet ta' eta' avvanzata ta' tnejn u disghin (92) sena.

L-atturi min-naha taghhom isostnu li dan il-legat ma kienx wiehed rimuneratorju, imma wiehed gratuwitu u ankorke' kien rimuneratorju huwa manifestament esagerat.

Fl-ewwel lok huwa pacifiku li d-dikjarazzjoni li jaghmel testatur li l-legat huwa rimuneratorju, u l-kriterji tieghu fid-determinazzjoni tal-kumpens, mhumiex insindakabbili, u l-Qorti dejjem ghandha l-poter li tara jekk il-legat huwiex sproporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju[9].

Hekk kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Attard vs Michelina Agius et[10],** m'hemm xejn kontra l-ligi li provi dwar servigi jsiru fl-istess kawza li jkollha bhala oggett il-likwidazzjoni tal-wirt, anzi mhux xieraq li l-provi biex jigi stabbilit jekk il-kumpens imholli bil-legat rimuneratorju kienx dovut, u jekk il-kumpens imholli hux proporzjonat ghas-servigi, isiru f'kawza ohra. Dan peress li fil-gudizzju '*familiae erciscundae'* jidhlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom

---

9 **Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca et,** Appell Civili deciza fil-15 ta' Mejju, 1939

10 Deciza 31 ta' Ottubru, 1952

x'jaqsmu mal-wirt; u dana sal-punt li m'humiex permessi procedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.

F'din il-kawza appena citata nghad ukoll li l-legat rimuneratorju huwa hlas ta' dejn, ammenokke' ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita' u biex jeludi u jiddefrawda d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi.

Illi rilevanti wkoll dak li kkunsidrat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Sant vs Carmen Deguara et**[11] meta tenniet li *fil-legati rimuneratorji bejn genituri w ulied, jekk mhux dejjem, kwazi dejjem, qatt ma huwa kompletament u esklussivament rimuneratorji ghaliex mhux koncepibbli li ma jkunx imhallat sewwa b'element ta' liberalita'.*

Jehtieg ghalhekk li jigi ezaminat jekk il-konvenuta Margaret Muscat verament irrendietx servigi lil missierha.

Illi Joseph Bonello[12] xehed li ohtu kienet tiehu hsieb prattikament ta' kollox tal-bzonnijiet tal-genituri u ghadha taghmel l-istess m'ommha, dan kemm ghal dak li jirrigwarda facendi tad-dar, hasil ta' hwejjeg, tisjir, qadjiet minn barra d-dar, zjarat ghand it-tabib u l-isptar u xiri ta' medicine u bzonnijiet ohra, u hlas ta' kontijiet. Ommu tbati minn dementia ghalkemm mhux gravi u torqod m'ohtu sa minn mindu miet missieru.

Margaret Muscat[13] tghid li missierha kellu 92 sena meta miet. Dak iz-zmien kellha 25 sena. Hija tiftakar lill-genituri taghha dejjem bi problemi ta' sahha. Missierha kellu problemi tal-qalb, ommha wkoll f'dawn l-ahhar snin, u tfaccalha d-diabete u d-dementia. Minhabba l-mard tal-genituri x-xoghol tad-dar waqa' kollu fuqha – facendi u tindif f'idejha anki wara li zzewget, hasil ta' hwejjeg, visti ghand tobba u sptar u kienet tiehu hsieb il-medicini u pilloli. Ommha lha torqod ghandha sa minn meta miet

[11] Qorti ta' l-Appell deciza fil-21 ta' Gunju 1991
[12] A fol 168 tal-process
[13] A fol 170 tal-process

missierha. Fl-ahhar sitt xhur ta' hajtu missierha spicca *bed-ridden* u sar jiddependi totalment fuqha. Fl-ahhar xahrejn ta' hajtu ddahhal l-isptar. Hija kienet tqatta' hafna hin hdejh l-isptar u hwejgu kienet tahsilhomlu hija. In kontro-ezami xehdet li huwa kellu pace-maker. Hija zzewget fl-1995. Ommha kienet issajjar. Prokura lanqas ma kellha izda kienet tiehu lil missierha biex isarraf il-pensjoni. Missierha ma kienx jaghtiha kumpens izda kien jaghtiha flus meta jkollha bzonn tixtri affarijiet personali ghaliha. Kien biss okkazjonalment li hija raqdet ma' missierha meta kien ikun ma jiflahx.

Carmela Bonello[14] xehdet li zewgha ma kienx fis-sodod. Xehdet li kienet issajjar hija u ghat-tindif tghinha t-tifla. Dwar hasil ta' hwejjeg wiegbet 'hemm il-magna'. Quddies kien imur bil-mixi. Kien meta ma baqax jiflah sew li ma kienx imur aktar bil-mixi u beda jmur il-qassis. Dan ma kienx snin qabel mewtu. Zewgha kien juza' s-sular ta' isfel. Hija xehdet li l-isptar kienet tiehdu t-tifla. Inxir ta' hwejjeg taghmlu t-tifla. Tghid li qatt ma kellha helper tal-Gvern jew gabet lil xi hadd privat biex tghinha ghax fejn kellhom bzonn sabu lit-tifla taghhom. Hija xehdet li lil bintha ma kinitx thallasha izda hija u zewgha kienu jieklu d-dar ta' ommha. Qabel iz-zwieg kienu jtuha l-flus ghall-bzonnijiet li jkollha.

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta Margaret Muscat ghalkemm xi ftit jew wisq daret b'missierha pero' dan mhux b'xi mod sostanzjali. Saviour Bonello kellu *pace-maker* pero' ma jirrizultax li huwa ma kien kapaci ghalxejn u li kien jiddependi totalment fuq bintu. Fil-fatt Margaret Muscat stess tixhed li missierha gie *bed-ridden* biss fl-ahhar sitt xhur ta' hajtu. M'hemmx dubju li hija kienet twasslu ghand tobba u sptar ghalkemm il-frekwenza ta' dawn il-vizti ma tirrizultax mill-provi. Il-Qorti hija konvinta wkoll li l-konvenuta dejjem ghenet fil-facendi tad-dar ghaliex il-genituri taghha t-tnejn kienu avvanzati fl-eta' w allura anki jekk ma jkunx hemm xi mard fiziku serju pero' ghajnuna generalment ikun hemm bzonn ghax il-bniedem

[14] A fol 189 tal-process

aktar ma jikber fl-eta' ma jibqax li jkun. Irrizulta wkoll mill-atti li fl-ahhar xahrejn ta' hajtu gie rikoverat fl-Isptar u kwindi l-konvenuta daret bih erba' xhur meta kien bed-ridden. F'dan iz-zmien zgur li l-intensita' tal-kuri kienu aktar frekwenti pero' jrid jittiehed kont li dan kien zmien relattivament qasir.

Illi l-fond 179 gia 134, Triq San Blas, Nadur gie stmat mill-Perit Tekniku fl-ammont ta' €228,000. Saviour Bonello kellu biss sehem indiviz minn dan il-fond, tant huwa hekk li fil-hames artikolu tat-testment tas-17 ta' Frar 1995 in atti Dottor Michael Refalo, it-testaturi hallew *'il-kwint indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha illi l-istess testatur ghandu mid-dar fin-Nadur, Gozo, Triq San Blas numru mija u disgha u sebghin (179)'.* Fil-fatt jirrizulta li Saviour Bonello ma kellux kwint indiviz minn dan il-fond izda ftit aktar – 0.2292 li jfisser li l-valur tal-legat huwa ta' €52,257.60. Dan is-sehem inghad li thalla lil Margaret Muscat ghaliex hadet hsieb missierha u ommha u hija obbligata li tibqa' tiehu hsieb lil ommha. Fi kwalunkwe kaz, m'hemmx dubju li dan il-legat fil-fatt ghandu element ta' liberalita' aktar milli rimuneratorju zgur ghal dak li jirrigwarda l-missier u ghaldaqstant ghandu jitqies bhala li huwa gratuwitu u dan meta s-servigi rezi ma rrizultawx li kienu ta' xi natura straordinarja. Oltre' dan irrizulta li l-konjugi Bonello lill-konvenuta kienu jaghtuha l-flus biex tixtri ghall-bzonnijiet taghha u meta zzewget, peress li kienet tghin fid-dar tal-genituri, hi u zewgha kienu jieklu ghand il-genituri. Ghaldaqstant dan il-legat ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni ai fini ta' kalkolazzjoni tal-legittima.

Dwar il-fatt li hija tghid li qed iddur b'ommha mhux relevanti ai fini tal-kawza odjerna u se mai jekk se jkun hemm xi dritt ghal servigi dawn ikunu dovuti minn huha Joseph Bonello biss ghax Karmena u Gesualda Buttigieg m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' Carmela Bonello.

Illi punt iehor sollevat mill-konvenuti huwa dwar l-uzufrutt li gie kostitwit minn Saviour Bonello a favur tat-tieni mara tieghu. Huma argumentaw li d-dritt ghadu fis-sehh u baqa' ma giex rinunzjat mill-armla (li qed izzomm ferm dan id-

dritt taghha) u l-Perit Tekniku ma hax in kunsiderazzjoni dan il-fattur meta stima l-proprjetajiet.

Illi dan l-uzufrutt mhux relevanti ghall-komputazzjoni tal-legittima, li tittiehed fuq l-assi shah tad-decujus. Dan l-uzufrutt irid jigi apporzjonat bejn il-konvenuti Carmela Bonello u z-zewgt uliedha konvenuti wkoll Margaret Muscat u Joseph Bonello. Dan l-uzufrutt lanqas ma huwa ta' ostakolu ghall-bejgh tal-proprjeta' u hawnhekk referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Giorgia armla Mercieca vs Carmela xebba Sciberras et**[15] fejn inghad:

*'L-uzufrutt jikkonsisti fil-jedd li ".... wiehed igawdi il-hwejjeg li taghhom haddiehor ghandu l-proprjeta', bl-obbligu li jzomm is-sustanza taghhom sew fil-materja kemm fil-ghamla." (Artikolu 328 tal-Kodici Civili). L-Artikolu 378 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-uzufrutt jispicca:-*

*a. Bil-mewt tal-uzufruttwarju;*
*b. L-eghluq taz-zmien li ghalih kien maghmul;*
*c. Bil-konsolidazzjoni fl-istess persuna ta' sid u uzufruttwarju;*
*d. Billi ma jsirx uzu mill-jedd ghall-perjodu ta' tletin sena;*
*e. Bit-telfa tal-haga soggetta ghall-uzufrutt;*

*L-attrici ghamlet referenza ghall-gurisprudenza inkluz il-kawza **Rita mart Lawrence Desira et vs Mary Caruana et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005. Il-qorti kienet osservat li f'kaz ta' divizjoni l-uzufrutt ghandu jigi terminat, u l-uzufruttwarju jigi kumpensat bil-hlas ta' dak il-valur. L-argument tal-konvenuta jidher li hu li l-bejgh tal-proprjeta ihalli l-istess jeddijiet lill-uzufruttwarju (ara Artikolu 383 tal-Kodici Civili[16]). Fil-kawza John **Debono et vs Avukat Dr Edwin E. Bonello nomine et** deciza fid-19 ta' Novembru 1966 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat:*

---

[15] Cit Nru: 84/2006AE deciza fit-12 ta' April, 2011

[16] "Il-bejgh tal-haga suggetta ghall-uzufrutt ma jgib ebda tibdil fil-jedd ta' l-uzufruttwarju; u huwa jibqa' jgawdi l-uzufrutt, kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghalih.".

*"Li, infatti, gie minn dejjem ritenut li l-ezistenza ta' l-uzufrutt ma huwiex impediment ghall-licitazzjoni, ghaliex l-uzufrutt, bhal proprjeta, huwa soggett ghall-ligijiet tad-divizjoni, u fil-kaz li dina ssir imprattikabbli, l-istess uzufrutt ghandu jigi licitat; dana jinghad in bazi ghall-principju prevalenti f'din il-materja li;* ***"la licitazione facendo cessare la comunione della proprieta', fa anche cessare l'usufrutto, costituito sopra una parte dello stesso fondo, a favore di un terzo"*** *(Kollez. XXI.ii.411; XXIX.ii.913; XXXII.ii.417; XXXIII.ii.214; XXXIV.ii.555)."*. Dan l-estratt ittiehed mis-sentenza **Abela vs Micallef** deciza fit-23 ta' Jannar 1912 (Vol. XXI.ii.411) mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn il-qorti osservat li l-Artikolu 383 tal-Kodici Civili *".... e applicabile solo nel caso in cui il proprietario vendesse la nuda proprieta', o se di questa fosse ordinata la vendita ad istanza dei suoi creditori, e non gia' ancora nel caso in cui si ordinasse la licitazione di un fondo invdivisibile, di cui una porzione e posseduta da un terzo in usufrutto, siccome tale vendita e' fatta in esecuzione di un diritto stabbilito dalla legge."*. Mis-sentenza jidher li l-bazi ghad-decizjoni tal-qorti kien li jekk l-uzufrutt ma jispiccax, ***".... il godimento di esso continuerebbe ad essere comune tra l'usufruttuario di tale parte e l'acquirente"***. L-insenjament ta' din is-sentenza baqa' jigi segwit matul is-snin[17].

*Interessanti wkoll dak li nghad f'sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Avvocato Dr Alessandro Claudio Debono vs Avvocato Dr Giovanni Adami*** *deciza fil-21 ta' Ottubru 1920 (Volum XXIV): "Ma se l'usufrutto appartenga ad uno o piu' coeredi, questi riunendo le due qualita' di usufruttuari e proprietari, possono provocare la vendita dell'usufrutto e della proprieta'. Cosi' il Pacifici Mazzoni, trattato delle Successioni, Vol. VI. Seconda Ediz. Pag. 251 No. 804. E questa Corte colla sua sentenza del 20 gennaio, 1880 in re Testaferrata vs Apap (Collez. IX 40 Col. 1a) ebba a*

[17] Ara wkoll per ezempju sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-kawza fl-ismijiet: Mary Said vs Joseph Deguara et deciza fil-5 ta' Ottubru 1993.

*riconoscere competente non solo all'erede ma anche al legatario di usufrutto l'azione per la divisione ed assegnazione della quota da essere da lui usufruita (confr. Pure Collez. VIII.614, per l'azione communi dividundo anche tra semplici detentori.).".*

*Fl-Italja l-Qorti tal-Kassazzjoni esprimiet ruhha fis-sens li l-uzufruttwarju ta' immobbli in komunjoni mhux ereditarja m'huwiex necessarju li jkun parti f'gudizzju ta' divizjoni, "atteso che usufrutto e nuda proprieta sono diritti reali diversi che danno luogo ove spettino a piu' persone* ***ad un concorso di iura in re aliena*** *sul medesimo bene e non ad una comunione in senso proprio." (sentenza numru 27412 tat-13 ta' Dicembru 2005)*[18]*. Posizzjoni li tidher li tapplika wkoll ghal-ligi Maltija in kwantu: "Hemm il-komunjoni tal-beni meta l-proprjeta ta' l-istess haga wahda, jew ta' l-istess jedd wiehed, hija ta' zewg persuni jew izjed pro indiviso." (Artikolu 489 tal-Kodici Civili). Il-gudizzju ta' qsim tal-wirt ghandu l-ghan li jigi accertat id-dritt ta' kull wiehed mill-kondividenti ghall-kwota ideali tal-assi u t-trasformazjoni fi dritt ta' proprjeta fuq porzjon tal-gid.*

*Wiehed jista' jesprimi d-dubju dwar il-principju addottat mill-qrati Maltin li matul is-snin dejjem baqa' jigi applikat, u cjoe' li* ***l-licitazzjoni jgieb fit-tmiem l-uzufrutt fuq il-beni li jinbieghu****. L-Artikolu 383 tal-Kodici Civili ma jaghmel l-ebda eccezzjoni jekk il-bejgh hu volontarju jew forzat. Jista' jkun li dan l-insenjament ghandu l-hsieb li jevita l-frazzjonament tal-proprjeta."*

## <u>Komputazzjoni tal-Legittima</u>

[18] Il-gurista F. Laurent osserva: *"Ove non vi e' comunione, non vi e' luogo a divisione; quindi e' impossibile di invocare un principio che regola glie effetti della divisione. La moglie lega al marito l'usufrutto d'una quota dei suoi beni; i figli sono nudi proprietari: vi e' comunione fra i nudi proprietari e l'usufruttuario ? Evidentement no, poiche' sono due diritti distinti, l'un dall'altro indipendenti; l'usufruttuario non ha alcun diritto sulla nuda proprieta, e il nudo proprietario non ha alcun diritto sull'usufrutto; poiche' nulla di comune v'ha fra di loro, non puo' essere quistione ne di comunione ne di divisione."* (Principii di Diritto Civile, Volume X pagna 307).

F'dan il-kaz, il-legittima hija ta' 1/3 cioe' 1/12 kull wild.

Kif sewwa ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003[19]:-

*"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet" (Artikolu 615 tal-Kodici Civili), dovuta in natura (**Vol. XXVII P I p 451; Vol.XXXVIII P II p 551**), "in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione" (**Vol. XXII P II p 116**). Ghaldaqstant "si calcola sull' intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie" (**Vol. IX pagna 297**). Gjaladarba ghalhekk "skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`. Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni' (**Vol. XXXIVP II p 574**)."*.

Illi dwar il-legittima[20] gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Bugeja vs Vella[21]** :

*'Huwa minnu li l-legittimarju ghandu dritt ghal-legittima minn kollox, cjoe' minn dak kollu li jezisti fil-patrimonju tad-decujus; imma dan mhux possibli li jsir meta ma jkunx hemm fl-assi jew massa affarijiet jew beni bizzejjed ta' kull xorta. U ghalhekk l-assenjazzjoni tal-legittima f'kazijiet simili ssir b'mod prattiku li tipproponi l-Qorti, salv ir-rikors ghal-licitazzjoni, jekk lanqas dan ma jirnexxi'.*

Irrizulta li Saviour Bonello kellu sehem indiviz mill-proprjetajiet fuq imsemmija. Il-partijiet infushom qablu li l-

---

[19] Il-kaz tal-lum hu regolat mil-ligi kif kienet qabel l-emendi tal-2004 (Att XVIII)

[20] F'dan il-kaz tapplika l-ligi qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi tas-sena 2004
[21] Prim'Awla deciza fit-30 ta' Awwissu, 1947

istess proprjetajiet mhumiex kommodament divizibbli. Ghaldaqstant mhux possibbli li l-legittima tinghata ‘in natura’. Oltre’ dan ma ngabu l-ebda provi dwar l-ispejjez funerarji. Dan allura jfisser li l-legittima spettanti lil Karmena Buttigieg u Gesualda Buttigieg hu s-sehem ta’ parti minn tnax (1/12) kull wiehed minn sehem Saviour Bonello.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

(i) Tiddikjara li l-gid ta’ Guzeppi Bonello u Karmena Bonello (née Muscat) huwa dak li gie elenkat bin-numru (i) sa (viii) taht l-intestatura ‘Assi ta’ Guzeppi u Karmena Bonello’;

(ii) Tiddikjara li l-proprjeta’ mhix kommodament divizibbli u ghalhekk tordna l-bejgh b’licitazzjoni tal-proprjeta’ kollha bin-numru (i) sa (viii) taht l-intestatura ‘Assi ta’ Guzeppi u Karmena Bonello’ li titqies parti ntegrali mid-dispozittiv, bis-sehem ta’ barranin, b’dan li r-rikavat ghandu jinqasam skont is-sehem lil kull wiehed mill-partijiet. Ghall-finijiet tal-licitazzjoni l-valur tal-proprjeta’ huwa dak kif indikat mill-Perit Tekniku Alan Saliba fir-relazzjoni tieghu u li gew ikkwotati minn din il-Qorti fin-numri (i) sa (viii) taht l-intestatura ‘Assi ta’ Guzeppi u Karmena Bonello’. Tinnomina lill-Perit Alan Saliba sabiex mir-rikavat tal-bejgh jikkalkula l-proporzjon ta’ percentwali li fiha ghandu jinqasam bejn l-uzufruttwarja (Carmela Bonello née Stellini) u l-konvenuti Margherita Muscat u Giusepp Bonello wara li jqis ukoll l-eta’ ta’ l-istess uzufruttwarja. Spejjez relatati ma’ din in-nomina a karigu ta’ l-istess konvenuti Margherita Muscat u Giusepp Bonello.

(iii) Tordna li s-sehem tal-wirt battal ta’ Anthony Saliba mir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez relattivi, ghandu jigi depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti permezz ta’ cedola ta’ depozitu mill-istess kuratur deputat u dan fi zmien qasir u perentorju ta’ hmistax-il gurnata mid-data meta l-bejgh b’licitazzjoni jkun konkluz.

(iv) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante li din giet irtirata. Spejjez ta' din it-talba a karigu tal-atturi.

(v) Tiddikjara li rrizulta li ma kienx hemm gid formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Saviour Bonello u Carmela Bonello u ghalhekk m'hemmx lok ghal-likwidazzjoni ta' l-istess.

(vi) Tiddikjara li l-assi ta' Saviour Bonello jikkonsistu fis-sehem li kellu mill-wirt tal-genituri u ta' zewg hutu Maria Antonia Saliba u Rosaria Bonello kif hawn fuq indikat.

(vii) Tiddikjara li l-legittima spettanti lill-atturi Gesualda Buttigieg u Karmena Buttigieg hu s-sehem ta' parti minn tnax (1/12) kull wiehed minn sehem Saviour Bonello.

(viii) Tordna li mir-rikavat ta' bejgh ta' l-immobbli hawn fuq imsemmija ghandu jinqasam skont is-sehem spettanti lill-partijiet.

(ix) Tichad id-disa' talba stante li m'hemm lok li jsir ebda kuntratt.

(x) Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ta' l-Avukat Dottor Kevin Mompalao fejn dawn mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz.

Spejjez in konnessjoni mal-legittima huma a karigu ta' Margherita Muscat u Giusepp Bonello. Spejjez l-ohra tal-kawza, b'eccezzjoni ghal dak li diga' gie provdut, ghandhom jinqasmu bejn il-kontendenti skont is-sehem li kull parti ghandha fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------